BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 01/2012**

**Data tal-pubblikazzjoni: 13 ta' Lulju 2012**

**Jannar 2012**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ il-kummentarju tiegħu dwar il-ħruġ tal-istatistika monetarja għax-xahar ta' Jannar 2012.

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro kibret b'EUR182.0 miljun, jew 1.8%, f'Jannar, għal EUR10.4 biljuni (ara Tabella 1). B'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali għoliet għal 12.4% minn 9.1% f'Diċembru.

Iż-żieda fl-aggregat sħiħ xahar fuq xahar seħħet l-iktar minħabba li l-komponent monetarju ristrett (M1) kiber b'EUR150.6 miljun, jew 2.8% f'Jannar, u dan seħħ kollu kemm hu minħabba tkabbir fid-depożiti *overnight*. Dawn tal-aħħar kibru b'EUR154.9 miljun l-iktar minħabba li żdiedu konsiderevolment id-depożiti ta' kumpaniji privati mhux finanzjarji u individwi. Sadattant, il-flus fiċ-ċirkolazzjoni naqsu bi ftit. Ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M1 aċċellerat, u għoliet għal 11.0% f'Jannar minn 8.5% xahar qabel.

Id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas, li jagħmlu parti mill-komponent aggregat intermedju (M2) flimkien mal-M1, kibru b'EUR25.2 miljun, jew 0.6%, f'Jannar. Dan irrifletta l-aktar żieda fid-depożiti ta' kumpaniji privati mhux finanzjarji u individwi. Id-depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż sa tliet xhur żdiedu ftit matul il-perijodu. B'hekk, it-tkabbir fl-aggregat intermedju żdied għal 6.9% f'Jannar, minn 3.8% f'Diċembru.

Il-ftehim għal xiri mill-ġdid, li kienu rreġistraw tkabbir sostanzjali matul l-aħħar tliet xhur, naqsu ftit filwaqt li t-titoli ta' dejn li huma parti mill-M3 u b'maturità inizjali ta' sentejn jew anqas, żdiedu moderatament b'2.6% matul ix-xahar.

Fir-rigward tal-komponenti tal-M3, is-self lil residenti taż-żona tal-euro naqas bi EUR42.7 miljun f'Jannar. Dan it-tnaqqis seħħ kollu kemm hu minħabba li s-self lill-gvern ġenerali naqas b'EUR53.2 miljun, jew 1.2%, kif il-banek komplew inaqqsu t-titoli tal-gvern tagħhom. Min-naħa l-oħra, is-self lil residenti barra l-gvern ġenerali żdied b'EUR10.5 miljuni, jew 0.1%, li jirrifletti self għola lis-settur privat. Ir-rata tat-tkabbir fis-self fuq bażi annwali lil residenti taż-żona tal-euro naqset għal 10.0% f'Jannar minn 11.1% xahar qabel.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn IFM Maltin u residenti f'pajjiżi barra ż-żona tal-euro, kibret bi EUR817.1 miljun, jew 10.4%. Dan irrifletta

tkabbir qawwi fl-assi li patta konsiderevolment għal żieda żgħira fl-obbligazzjonijiet. Iż-żieda fl-assi rreflettiet żewġ fatturi ewlenin, jiġifieri żieda fil-bilanċi tad-depożiti mal-banek barra minn Malta kif ukoll żieda fit-titoli maħruġa mill-gvernijiet barra ż-żona tal-euro. Iż-żieda fl-obbligazzjonijiet seħħet prinċipalment minħabba żieda fil-volum ta' ftehim għal xiri mill-ġdid ta' bank residenti.

Il-kontropartijiet l-oħra tal-M3 kibru b'EUR592.4 miljun, jew 4.3%, f'Jannar minħabba żieda fl-obbligazzjonijiet l-oħra (netti), li rreflettiet prinċipalment transazzjonijiet interbankarju ma' residenti oħra f'pajjiżi taż-żona tal-euro. Madankollu, żieda fl-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal, prinċipalment f'riżervi, ikkontribwew ukoll sostanzjalment.

## Transazzjonijiet ma' residenti Maltin: depożiti u self

Id-depożiti ta' residenti Maltin u miżmuma ma' IFM Maltin żdiedu b'EUR164.6 miljun, jew 2.0% f'Jannar (ara Tabella 2). Din iż-żieda seħħet minħabba volum għola ta' depożiti overnight, li żdiedu b'EUR133.5 miljun, jew 2.9%. B'kuntrast, id-depożiti li jinfdew b'avviz ta' tliet xhur jew anqas għolew bi ftit għal b'EUR1.8 miljun, filwaqt li dawk li ntrabtu għal sentejn jew anqas żdiedu b'EUR29.3 miljun. B'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tad-depożiti żdiedu b'iktar mid-doppju għal 5.4% minn 2.6% f'Diċembru. Meta mqabbla, ir-rata tat-tkabbir tad-depożiti tar-residenti fiż-żona tal-euro inklużi fl-M3 miżmuma mill-IFM kollha fiż-żona tal-euro kienet ta' 2.1% f'Jannar.

Iż-żieda xahar fuq xahar li seħħet f'Jannar fid-depożiti *overnight* seħħet l-iktar minħabba bilanċi għola ta' kumpanniji mhux finanzjarji, individwi u intermedjarji finanzjarji mhux banek. Iż-żieda fid-depożiti li jinfdew b'avviz ta' tliet xhur jew anqas seħħet minħabba individwi, filwaqt li ż-żieda fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas kien dovut għall-kumpaniji privati mhux finanzjarji.

F'Jannar, is-self lil residenti ta' Malta (inkluż il-gvern) minn IFM residenti naqas bi EUR19.0 miljun, jew 0.2%. Għalhekk, it-tkabbir tal-kreditu fuq bażi annwali batta għal 5.4% minn 6.1% f'Diċembru. Il-kreditu lil residenti barra l-gvern ġenerali naqas b'EUR20.0 miljun, jew 0.2%, l-iktar minħabba volum anqas ta' self lil kumpanniji mhux finanzjarji privati, b'mod partikolari fis-settur tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut. B'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lil dawn il-debituri naqas bi ftit għal 4.3% f'Jannar minn 4.4% f'Diċembru, filwaqt li dik fuq is-self naqset bi ftit għal 4.1%. Meta mqabbla, ir-rata tat-tkabbir tas-self mogħtija mill-IFM kollha taż-żona tal-euro lil residenti taż-żona tal-euro barra l-gvern ġenerali kienet ta' 1.2%.

Min-naħa l-oħra, il-kreditu lill-gvern ġenerali żdied b'EUR1.1 miljun, hekk kif tnaqqis fil-bills tat-Teżor miżmuma mill-banek ibbilanċja ma' żieda fit-titoli tal-gvern tal-banek. Fuq bażi annwali, it-tkabbir batta ftit għal 9.4% minn livell għoli ta' 12.5% li kienet irreġistrata f'Diċembru.

## Assi barranin netti tal-IFM Maltin

L-assi barranin netti tal-IFM Maltin żdiedu b'EUR243.2 miljun, jew 2.1% f'Jannar, hekk kif żieda fl-assi barranin għelbet żieda fl-obbligazzjonijiet barranin (ara Tabella 2).[1] Filwaqt li ż-żieda f'tal-ewwel seħħet l-iktar minħabba livell iktar għoli ta' depożiti għola miżmuma barra minn Malta u titoli maħruġa barra minn Malta, iż-żieda fl-obbligazzjonijiet barranin irriflettew bilanċi għola f'depożiti ta' barranin ma' banek domestiċi. F'termini annwali, l-assi barranin netti żdiedu b'5.9% minn 1.5% f'Diċembru.

---

[1] L-assi netti barranin jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

**Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti**

F'Jannar, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq depożiti inklużi fl-M3 kif ukoll ir-rata tal-imgħax mitluba fuq is-self naqsu minn 1.13% u 4.71% f'Diċembru, rispettivament, għal 1.11% u 4.69%. Meta mqabbla ma' sena qabel, ir-rata tal-imgħax imħallsa fuq depożiti naqset bi tliet punti bażi, filwaqt li r-rata mitluba fuq is-self naqset b'ħames punti bażi.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM(1)(2)

*€ miljuni*

| | Jan-12 | Diċ-11 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Jan-11 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI(3)** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **5,576.2** | **5,425.6** | **150.6** | **2.8** | **5,022.4** | **553.8** | **11.0** |
| Flus maħruġa(4) | 706.3 | 710.6 | -4.3 | -0.6 | 663.9 | 42.4 | 6.4 |
| Depożiti *overnight* (5) | 4,869.9 | 4,715.0 | 154.9 | 3.3 | 4,358.5 | 511.4 | 11.7 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **9,649.6** | **9,472.0** | **177.6** | **1.9** | **9,025.3** | **624.2** | **6.9** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 5,576.2 | 5,425.6 | 150.6 | 2.8 | 5,022.4 | 553.8 | 11.0 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas(5) | 126.9 | 125.1 | 1.8 | 1.4 | 124.6 | 2.2 | 1.8 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas(5) | 3,946.5 | 3,921.3 | 25.2 | 0.6 | 3,878.3 | 68.3 | 1.8 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **10,403.2** | **10,221.3** | **182.0** | **1.8** | **9,256.2** | **1,147.1** | **12.4** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 9,649.6 | 9,472.0 | 177.6 | 1.9 | 9,025.3 | 624.2 | 6.9 |
| Self kontra titoli | 544.0 | 545.0 | -1.0 | -0.2 | 0.0 | 544.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas(6) | 209.7 | 204.3 | 5.4 | 2.6 | 230.8 | -21.2 | -9.2 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **16,031.5** | **16,074.3** | **-42.7** | **-0.3** | **14,577.4** | **1,454.1** | **10.0** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4,541.1 | 4,594.3 | -53.2 | -1.2 | 4,045.8 | 495.2 | 12.2 |
| Self lil setturi oħra | 11,490.5 | 11,480.0 | 10.5 | 0.1 | 10,531.5 | 958.9 | 9.1 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **8,659.7** | **7,842.6** | **817.1** | **10.4** | **7,812.2** | **847.5** | **10.8** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 30,369.4 | 29,302.6 | 1,066.9 | 3.6 | 29,500.2 | 869.3 | 2.9 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 21,709.8 | 21,460.0 | 249.8 | 1.2 | 21,688.0 | 21.8 | 0.1 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **14,287.9** | **13,695.5** | **592.4** | **4.3** | **13,133.4** | **1,154.6** | **8.8** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 547.9 | 725.2 | -177.3 | -24.4 | 631.3 | -83.4 | -13.2 |
| Obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 12,144.1 | 11,968.5 | 175.6 | 1.5 | 11,493.1 | 651.0 | 5.7 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 1,595.9 | 1,001.8 | 594.1 | 59.3 | 1,009.0 | 586.9 | 58.2 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Centrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas minn IFM f'Malta wara li jitnaqqsu titoli bħal dawn miżmuma minn IFM f'Malta u maħruġa minn IFM fi kwalunkwe post fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*€ miljuni*

| | Jan-12 | Diċ-11 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Jan-11 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI[2]** | **8,571.1** | **8,406.5** | **164.6** | **2.0** | **8,130.3** | **440.8** | **5.4** |
| Depożiti *overnight* | 4,724.4 | 4,590.9 | 133.5 | 2.9 | 4,235.5 | 488.8 | 11.5 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 124.3 | 122.5 | 1.8 | 1.5 | 123.9 | 0.4 | 0.3 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,722.4 | 3,693.1 | 29.3 | 0.8 | 3,770.9 | -48.5 | -1.3 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **10,884.9** | **10,903.9** | **-19.0** | **-0.2** | **10,330.1** | **554.8** | **5.4** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,354.5 | 2,353.4 | 1.1 | 0.0 | 2,152.8 | 201.6 | 9.4 |
| Self lil setturi oħra | 8,530.4 | 8,550.5 | -20.0 | -0.2 | 8,177.3 | 353.1 | 4.3 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **11,596.2** | **11,352.9** | **243.2** | **2.1** | **10,953.7** | **642.4** | **5.9** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 42,103.4 | 41,348.3 | 755.0 | 1.8 | 40,786.3 | 1,317.0 | 3.2 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 30,507.4 | 29,995.4 | 512.0 | 1.7 | 29,832.6 | 674.8 | 2.3 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
(2) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.